MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

[Nhar il-Tlieta 4 ta' Lulju 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Joseph Galea – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippreseda l-laqgħa fis-5.45pm.

## 45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

45.1.1 N/A

## 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

45.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waqt laqgħa mal-pulizija, l-Assistent Kummissarju qalet illi s-sena l-oħra kienet avżat lill-Kunsill biex ilesti sejħa għall-offerti biex nittowjaw il-karozzi aħna ħalli nieħdu ħsieb dawn it-tip ta' xogħolijiet [ref punt 44.2.4].

45.2.2 Is-Sindku qal illi se jara maċ-Chief of Staff tal-Ministru Konrad Mizzi rigward il-bankijiet għax-Xatt [ref punt 44.2.6]

45.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġew jagħmlu l-valenu tal-ġrieden darbtejn max-Xatt. Qal illi tal-wirdien [COMTECT] għandom jiġu nhar il-Ħamis peress illi naqsu li jiġu darbtejn s'issa.

45.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal t'Alamango qal illi qatt ma refa r-responsabilita rigward il-bankina li hemm in-naħa l-oħra tat-triq [ir-Rebħa] [ref punt 44.3.5]. Qal illi hemm kuntratturi oħra li għamlu l-ħsara.

45.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem mas-sid ta' Savoy Gardens u li bagħat l-ittra biex jgħid illi hu għamel 'deed *in kind*' fejn jekk il-Kunsill jiddeċiedi li ma jżommx is-sala li hemm, għandu jagħti kontribuzzjoni differenti [ref punt 44.3.4]. Żied illi s-sid qal illi fil-fehma tiegħu l-evalwazzjoni m'għandix taqbeż €50,000 u b'hekk se jirrifutja jagħti ammont li taqbeż dal-ammont.

45.2.5 Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi m'għandu l-ebda update rigward il-boxing [ref punt 44.4.1]

**Il-kunsilliera Graziella Attard Previ daħlet fis-6.30pm**

## 45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

45.3.1 Il-Kunsill qabel illi napplikaw għall-fondi tad-Dipartiment biex isir parti żgħira ta' triq Nażju Ellul [fejn iżomm l-ilma ftit iżjed il-fuq mill-Asian Store]

45.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara d-diskussjonijiet li saru fil-laqgħa mal-MSDC nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju, bagħtna l-approvazzjoni li naħdmu magħhom bħala Partners fil-proġett tagħhom. Qal illi għadna rridu naħdmu fuq il-kundizzjonijiet u talab lill-kunsilliera biex jiġru ppreparati.

Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi ma jaqbilx illi wara 15 sena nħalsu l-ammont ta' €200,000 u qal illi wara 15 il-sena għandna nieħdu l-propjeta lura. Qal illi għandhom ikollhom id-dritt għall *first right of refusal.*
Is-Sindku qal illi l-ewwel u qabel kollox iridu naraw jekk hux possibbli li ntuhom sular peress illi se nieħdu devoluzzjoni u jista jkun illi l-Kunsill ma jkunx jista jagħti sular lil entitajiet oħra.
Wara diskussjoni fit-tul ma ġiex deċiż kif għandna naħdmu

**Il-kunsillier Wayne Hewitt telaq fis-7.10pm**

## 45.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

45.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet mill-kunsilliera

## 45.5 Rapporti

45.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-bids li ġew evalwati. Il-kunsill qabel illi nużaw l-irħas wieħed għall-prezz ta' €490.88 [VAT inc] fix-xahar.

## 45.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

45.6.1 Mobile toilets: Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ l-istimi li rċieva fejn l-irħas wieħed kien ta' €4.95/ġurnata/toilet. Il-kunsillier Joseph Galea ma qabilx illi nonfqu flus żejjed u li 1 toilet biżżejjed. Qal illi diġà hemm ammont ta' latrini max-Xatt.
Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi llum il-ġurnata resqin lejn 'gender neutral' u jista jkun illi mara jew raġel jużaw l-istess toilet.
Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi nordnaw 2 toilets.

**Il-kunsilliera Graziella Attard Previ telqet fit-8.05pm**

45.6.2 Il-Kunsill qabel unaniment illi nġeddu t-talba biex is-sur Michael Portelli jkun id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali.

45.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi lest iressaq it-talba għal fishbone parking ġo triq Edgar Bernard. Qal illi ma sab l-ebda korrispondenza rigward triq Ponsonby u Stuart izda li mar flimkien ma 2 ħaddiema f'dawn it-toroq, kif ukoll Nazju Ellul fejn ġie nnottat liema naħat għandna nagħmlu t-talba għall-fishbone parking.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Il-kunsilliera preżenti qablu li nkomplu bl-Aġenda.**

45.6.4 Kien hemm qbil mall-proposta tal-GreenPak li l-kuntrattur tal-Kunsill jiġbor l-iskart elettroniku izda li jħallsuh huma u mhux aħna.

45.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jixtieq jiffanilliza l-kuntrattu tal-istreet cleaning izda hemm bzonn ikun hemm qbil fuq l-ispecs fil-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi l-kuntrattur għandu juża magna, li għandu jiġbor l-annimali l-istess ġurnata tar-rapport jew sa l-għada filgħodu, li jmorru x-Xatt kuljum.
Il-Kunsill għandu jaħdem fuq it-timetable antik u naraw liema toroq għandom bzonn isiru iżjed spiss.

## 44.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

44.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qabel fil-laqgħa preċedenti li nħalsu €200 lil Każin tal-Banda għad-distribuzzjoni tal-leaflets u li l-Kunsill kien qabel. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-iskeda ta' pagamenti. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta.

## 44.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

44.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-9.00pm u ġiet aġġornata għall-25 ta' Lulju 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 8 ta' Awwissu 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |